



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Marzu 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0076(NLE)

7407/22
ADD 1

CLIMA 119
ENV 251
ENER 96
IND 82
COMPET 169
MI 215
ECOFIN 249
TRANS 163
AELE 13
CH 6

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 111 final - Annex
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, biex jiġu emendati l-Annessi III u IV tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 111 final - Annex.

Mehmuż: COM(2022) 111 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.3.2022
COM(2022) 111 final

ANNEX

ANNESS

tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt
stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-
kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra
tagħhom,**

biex jiġu emendati l-Annessi III u IV tal-Ftehim

**DEĊIŻJONI NRU 1/2022 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR IL-
KOLLEGAMENT TAL-ISKEMI GĦALL-ISKAMBJU TA' KWOTI TAL-
EMISSIONIJET TA' GASSIJET SERRA TAGĦHOM**
ta' ...
dwar l-emendar tal-Annessi III u IV tal-Ftehim

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissionijiet ta' gassijiet serra tagħhom¹ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 u l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim, l-informazzjoni sensittiva għandha tiġi mmarkata f'konformità mal-livell ta' sensittività tagħha.
- (2) L-Anness III tal-Ftehim jistabbilixxi kif l-informazzjoni sensittiva li tiġi ġestita u skambjata fil-Ftehim tiġi mmarkata. Jirrikjedi li l-Partijiet jagħmlu użu mil-livelli ta' sensittività biex jidentifikaw it-tali informazzjoni sensittiva.
- (3) L-Anness IV tal-Ftehim jiddefinixxi l-livelli ta' sensittività tal-ETS u jistabbilixxi l-livell ta' sensittività globali tal-informazzjoni.
- (4) L-immarkar u l-ġestjoni korrispondenti tal-informazzjoni huma importanti biex jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni biex jiġi evitat dannu li jirriżulta mid-divulgazzjoni mhux awtorizzata tal-informazzjoni.
- (5) Permezz tal-Avviż tas-Sigurtà C(2019) 1904, il-Kummissjoni Ewropea bidlet il-markaturi tas-sigurtà ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata għall-użu intern tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea rrakkomandat it-tfassil ta' Ftehim ma' sħab esterni li jistabbilixxi l-istruzzjonijiet dwar il-ġestjoni għall-informazzjoni kollha skambjata bejniethom.
- (6) Sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-applikazzjoni ta' markaturi tas-sigurtà kif stabbilit fl-Anness III u IV tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jemenda dawn l-Annessi f'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim.
- (7) Fit-tielet laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Novembru 2020, il-Kumitat Konġunt approva l-istruzzjonijiet dwar il-ġestjoni f'konformità mal-Anness III tal-Ftehim u kif imsemmi fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim.
- (8) Il-Grupp ta' Ħidma stabbilit bid-Deċiżjoni Nri 1/2020 u 2/2020 tal-Kumitat Konġunt irrakkomanda, f'konformità mal-mandat previst minn daww id-deċiżjonijiet, biex jiġu emendati l-istruzzjonijiet dwar il-ġestjoni u tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-markaturi tas-sigurtà.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi III u IV tal-Ftehim huma sostitwiti bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul bl-Ingliż fi [Brussell][Bern], fi [xx 2022].

Għall-Komitat Konġunt

Is-Segretarju għall-Unjoni Ewropea

Il-President

Is-Segretarju għall-Iżvizzera

ANNESS

ANNESS III

LIVELLI TA' SENSITTIVITÀ U STRUZZJONIJIET DWAR IL-ĠESTJONI

Il-Partijiet għandhom jagħmlu użu mil-livelli ta' sensittività li ġejjin biex tiġi identifikata l-informazzjoni sensittiva li tkun ġestita u skambjata f'dan il-Ftehim:

Għal dan l-għan, daww il-markaturi stabbiliti fl-Artikolu 9(2) ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu applikati kif ġej:

— ETS Limited għandha tiġi applikata fl-UE bħala “**SENSITIVE: ETS Joint Procurement**”; fl-Iżvizzera bħala “**LIMITED: ETS**”

— ETS Sensitive għandha tiġi applikata fl-UE u fl-Iżvizzera bħala “**SENSITIVE: ETS**”

— ETS Critical għandha tiġi applikata fl-UE u fl-Iżvizzera bħala “**SPECIAL HANDLING: ETS Critical**”

L-informazzjoni li tkun immarkata bħala “**SPECIAL HANDLING: ETS Critical**” hija aktar sensittiva mill-informazzjoni li tkun immarkata bħala “**SENSITIVE: ETS**”, li min-naħa tagħha tkun aktar sensittiva mill-informazzjoni li tkun immarkata bħala “**SENSITIVE: ETS Joint Procurement**” fl-Unjoni Ewropea jew “**LIMITED: ETS**” fl-Iżvizzera.

Il-Partijiet jaqblu li jiżviluppaw struzzjonijiet dwar il-ġestjoni abbażi tal-politika eżistenti tal-Unjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-informazzjoni tal-ETS u abbażi tal-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni (IPO) u l-Att Federali dwar il-Protezzjoni tad-Data (FADP) tal-Iżvizzera. L-istruzzjonijiet dwar il-ġestjoni għandhom jiġu sottomessi lill-Kumitat Konġunt għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni, l-informazzjoni kollha għandha tiġi ġestita skont il-livell ta' sensittività tagħha f'konformità mal-istruzzjonijiet dwar il-ġestjoni.

Fil-każ li l-Partijiet jagħtu valutazzjonijiet differenti dwar il-livell, għandu jiġi applikat l-ogħla livell.

Il-leġislazzjoni ta' kull Parti għandha tinkludi rekwiżiti ekwivalenti ta' sigurtà essenzjali għall-passi dwar il-ġestjoni li ġejjin, filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' sensittività tal-ETS:

— Ġenerazzjoni ta' dokument

— Riżorsi

— Livell ta' Sensittività

— Ħżin

— Dokument elettroniku fuq network

— Dokument elettroniku f'ambjent lokali

— Dokument fiżiku

— Trażmissjoni elettronika

— Telefon u mowbajl

— Fax

- Email
- Trażmissjoni tad-*data*
- Trażmissjoni Fiżika
 - Orali
 - Trasferiment personali
 - Sistema postali
- Użu
 - Ipproċessar b'applikazzjonijiet tal-IT
 - Stampar
 - Ikkupjar
 - Tneħħija minn post permanenti
- Immaniġġjar tal-informazzjoni
 - Evalwazzjoni regolari tal-klassifikazzjoni u tar-riċevituri
 - Arkivjar
 - Tħassir u qerda

ANNEX IV

DEFINIZZJONI TA' LIVELLI TA' SENSITTIVITÀ TAL-ETS

A.1 – Klassifikazzjoni tal-Kunfidenzjalità u tal-Integrità

“Kunfidenzjalità” tfisser in-natura riżervata tal-informazzjoni jew ta' sistema ta' informazzjoni kollha jew parti minnha (bħal algoritmi, programmi u dokumentazzjoni) li l-aċċess għaliha jkun limitat għal persuni, korpi u proċeduri awtorizzati.

“Integrità” tfisser il-garanzija li s-sistema ta' informazzjoni u l-informazzjoni pproċessata jistgħu jiġu alterati biss b'azzjoni intenzjonata u leġittima u li s-sistema se tipproduċi r-riżultat mistenni b'mod preċiż u b'mod sħiħ.

Għal kull element ta' informazzjoni tal-ETS li jitqies bħala sensitiv, l-aspett ta' kunfidenzjalità għandu jitqies mill-impatt potenzjali fil-livell ta' negozju fejn din l-informazzjoni tiġi divulgata u l-aspett ta' integrità għandu jitqies mill-impatt potenzjali fil-livell ta' negozju fejn din l-informazzjoni fir-rigward ta' modifikazzjoni, qerda parzjali jew kompleta mhux intenzjonata.

Il-livell ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni u l-livell ta' integrità ta' sistema ta' informazzjoni għandhom ikunu klassifikati wara valutazzjoni abbażi tal-kriterji li jinsabu fit-taqsima A.2. Dawk il-klassifikazzjonijiet jippermettu li l-livell ta' sensittività globali tal-informazzjoni jiġi evalwat permezz tat-tabella skematika mogħtija fit-taqsima A.3.

A.2 – Klassifikazzjoni tal-Kunfidenzjalità u tal-Integrità

A.2.1 – “Klassifikazzjoni baxxa”

Għanda tingħata klassifikazzjoni baxxa lil kwalunkwe informazzjoni relatata mal-ETS li d-divulgazzjoni tagħha lil persuni mhux awtorizzati, u/jew li t-telf ta' integrità tagħha jikkawżaw ħsara moderata lill-Partijiet jew lil istituzzjonijiet oħrajn li min-naħa tagħha tista':

- taffettwa moderatament ir-relazzjonijiet politiċi jew diplomatiċi;
- tikkawża pubbliċità lokali negattiva għall-immaġni jew għar-reputazzjoni tal-Partijiet jew ta' istituzzjonijiet oħra;
- tikkawża imbarazzament lill-individwi;
- taffettwa l-moral/produttività tal-persunal;
- tikkawża telf finanzjarju limitat jew tiffaċilita moderatament qligħ jew vantaġġ mhux xieraq għall-individwi jew għall-kumpaniji;
- taffettwa moderatament l-iżvilupp jew l-operat effettiv tal-politiki tal-Partijiet;
- taffettwa moderatament l-immaniġġjar xieraq tal-Partijiet u tal-operazzjonijiet tagħhom.

A.2.2 – “Klassifikazzjoni medja”

Għanda tingħata klassifikazzjoni medja lil kwalunkwe informazzjoni relatata mal-ETS li d-divulgazzjoni tagħha lil persuni mhux awtorizzati, u/jew li t-telf ta' integrità tagħha jikkawżaw ħsara moderata lill-Partijiet jew lil istituzzjonijiet oħrajn li min-naħa tagħha tista':

- tikkawża imbarazzament lir-relazzjonijiet politiċi jew diplomatiċi;
- tikkawża ħsara lill-immaġni jew lir-reputazzjoni tal-Partijiet jew ta' istituzzjonijiet oħra;
- tikkawża tbatija għall-individwi;
- tikkawża tnaqqis konsegwenzjali fil-moral/produttività tal-persunal;
- timbarazza lill-Partijiet jew lil istituzzjonijiet oħrajn f'negozjati kummerċjali jew ta' politika ma' oħrajn;
- tikkawża telf finanzjarju jew tiffaċilita qligħ jew vantaġġ mhux xieraq għall-individwi jew għall-kumpaniji;
- taffettwa l-investigazzjoni ta' reat;
- tikser l-obbligi legali jew kuntrattwali dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni;
- taffettwa l-iżvilupp jew l-operat tal-politiki tal-Partijiet;
- taffettwa l-immaniġġjar xieraq tal-Partijiet u tal-operazzjonijiet tagħhom.

A.2.3 – “Klassifikazzjoni għolja”

Għanda tingħata klassifikazzjoni għolja lil kwalunkwe informazzjoni relatata mal-ETS li d-divulgazzjoni tagħha lil persuni mhux awtorizzati, u/jew li t-telf ta' integrità tagħha jikkawżaw ħsara moderata lill-Partijiet jew lil istituzzjonijiet oħrajn li min-naħa tagħha tista':

- taffettwa b'mod avvers ir-relazzjonijiet diplomatiċi;
- tikkawża tbatija sostanzjali lill-individwi;
- tagħmilha aktar diffiċli li tinżamm l-effettività jew is-sigurtà operattiva tal-Partijiet jew ta' forzi ta' kontributori oħra;
- tikkawża telf finanzjarju jew tiffaċilita qligħ jew vantaġġ mhux xieraq għall-individwi jew għall-kumpaniji;
- tikser l-impenji xierqa għaż-żamma tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta minn partijiet terzi;
- tikser restrizzjonijiet statutorji dwar d-divulgazzjoni tal-informazzjoni;
- tippreġudika l-investigazzjoni jew tiffaċilita t-twettiq ta' reat kriminali;
- tpoġġi lill-Partijiet fi żvantaġġ f'negozjati kummerċjali jew ta' politika ma' oħrajn;
- timpedixxi l-iżvilupp jew l-operat effettiv tal-politiki tal-Partijiet;
- tfixxkel l-immaniġġjar xieraq tal-Partijiet u tal-operazzjonijiet tagħhom.

A.3 – Valutazzjoni tal-livell ta' informazzjoni sensittiva tal-ETS

Abbażi tal-klassifikazzjonijiet għall-Kunfidenzjalità u għall-Integrità skont it-taqsima A.2, u f'konformità mal-livelli ta' sensittività skont l-Anness III ta' dan il-Ftehim, il-livell ta' sensittività globali tal-informazzjoni jiġi determinat permezz tat-tabella skematika li ġejja:

Klassifikazzjoni tal-	Baxxa	Medja	Għolja

kunfidenzjalità			
Klassifikazzjoni tal-integrità			
Baxxa	Markatura tal-UE: SENSITIVE: ETS Joint Procurement Markatura CH: LIMITED: ETS	SENSITIVE: ETS (jew <u>(*)</u>) Markatura tal-UE: SENSITIVE: ETS Joint Procurement Markatura CH: LIMITED: ETS)	SPECIAL HANDLING: ETS Critical
Medja	SENSITIVE: ETS (jew <u>(*)</u>) Markatura tal-UE: SENSITIVE: ETS Joint Procurement Markatura CH: LIMITED: ETS)	SENSITIVE: ETS (jew <u>(*)</u>) SPECIAL HANDLING: ETS Critical)	SPECIAL HANDLING: ETS Critical
Għolja	SPECIAL HANDLING: ETS Critical	SPECIAL HANDLING: ETS Critical	SPECIAL HANDLING: ETS Critical
(*) Varjazzjoni possibbli li għandha tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ.			